# Ir-Rebbiegħa

# fil-Knisja

segretarjat għall-katekeżi

Sr Alexandra Chircop fcj

‘God is even now making all things new; the Holy Spirit is truly transforming us, and through us he also wants to transform the world in which we live. Let us open the doors to the Spirit, let ourselves be guided by Him, and allow God’s constant help to make us new men and women, inspired by the love of God which the Holy Spirit bestows on us! How beautiful it would be if each of you, every evening, could say: ‘Today at school, at home, at work, guided by God, I showed a sign of love towards one of my friends, my parents, an older person! How beautiful!’

Pope Francis , April 28, 2013

# Daħla

Qegħdin nippreżentaw din ir-riżorsa kateketika għall-użu tal-Operaturi Pastorali waqt il-laqgħat varji tagħhom, b'mod speċjali dawk mal-adolexxenti u żgħażagħ.

F'din ir-riżorsa, xtaqna nagħtu perspettiva ħajja lejn il-bżonn tal- Ispirtu Qaddis – l-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Għalhekk ma ħrigniex din il-ktiba qabel Pentekoste, imma eżattament wara, sabiex nindikaw il-ħtieġa kontinwa ta' dan l- Ispirtu Qaddis

It- titlu: **ir- Rebbiegħa fil- Knisja**, ġie mislut mill-ħsieb u mir-realtà li billi l-Ispirtu Qaddis huwa Spirtu dinamiku, Spirtu li jagħti l-ħajja, bħalma l-istaġun tar-rebbiegħa jagħti l-enerġija lill-bniedem u lill-ambjent; dan l-Ispirtu Qaddis jnissel fin- Nisrani u fil- Knisja kollha dik l-enerġija għat- tiġdid. Ir- rebbiegħa tagħti sens ta' bidu ġdid u fl-istess ħin ta' kontinwità mġedda.

Jalla dawn il-ftit paġni jnisslu fl-Operaturi Pastorali imħabba lejn l-Ispirtu Qaddis ta' Alla li jagħrfu l-kobor Tiegħu bħala l-aġent tal-evanġelizzazzjoni fil-Knisja. Jalla dawn il-ħsebijiet jiġu mwassla fil-qalb tal-adolexxenti/żgħażagħ sabiex l-Ispirtu Qaddis ikompli jgħinhom fil-għażliet tagħhom ta' kuljum.

Nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja lill- Rev. Dr René Camilleri – Delegat tal-Arċisqof għall-Katekeżi u lill- Rev. Dr Hector Scerri – President tal-Kummissjoni Teoloġika Interdjoċesana, tal-approvazzjoni tagħhom għal din ir-riżorsa kateketika.

**Pentekoste: Ir- rebbiegħa fil-Knisja**

Ir-rebbiegħa huwa staġun li fih in-natura tqum mir-raqda tagħha wara r- raqda tax- xitwa. Jekk nikkunsidraw ix- xitwa bħala dak iż- żmien fejn l-imħabba msaħħa b'ħafna fidi titfisser fi stennija paċenzjuża;ir-rebbiegħa hija frott ta' din l-istennija għalhekk nistgħu nikkunsidrawha bħala żmien it- tama.

Wara Ġimgħa Mqaddsa fejn f'Ħamis ix- Xirka, iċċelebrajna jum l- imħabba – jum il-għotja ta' Ġesù għal dejjem lill- umanità; sbieħ il- Ħadd, qomna bil- kant tal- Hallelujah. Il- Mulej qam tassew kif kien qal, Ammen! Hallelujah! Il-Għid il-Kbir, huwa jum il-fidi. Jekk l-Għid il-Kbir huwa l- akbar festa tal- Knisja; Pentekoste wkoll hija festa kbira.

Ħamsin jum ta' stennija, wara l-qawmien tal-Mulej, fejn għal seba' ġimgħat il- Knisja tkanta l- ferħ tal-istennija għall- Ispirtu s-Santu. Huwa l-Ispirtu Santu li jimla' lill-Knisja, bil- kuraġġ li tiġġedded l- ewwel hi stess minn ġewwa bħala Knisja istituzzjoni mbagħad magħha tkun tista' ġġedded lill-komunità Nisranija kollha – il-Knisja bħala organiżmu ħaj. Pentekoste, huwa jum it-tama. Bħalma r-rebbiegħa ġġib magħha t- tama ta' ħajja ġdida, hekk f'Pentekoste, l- Ispirtu ta' Alla, għal min jaċċettah, jġeddu fl- impenn tiegħu bħala Nisrani.

F'Jum Pentekoste, niċċelebraw is-siġill tal- eżistenza uffiċjali tal- komunità Nisranija u tal-Knisja. F'Pentekoste il-Knisja ġiet murija mill- Ispirtu s-Santu.[1] Għalhekk nistgħu ngħidu li Pentekoste huwa r- rebbiegħa tal- Knisja; għaliex dakinhar il-Knisja ħarġet fil- beraħ wara tant stennija. Il- Knisja, bħan- natura, ma tistax tkun litarġika, jekk disgrazzjatament isir dan, ma jkunx hemm la twelid wisq inqas tiġdid. Dan inikket l- Ispirtu Qaddis ta' Alla! L-Ispirtu Santu li huwa l-

[1] Ara Katekiżmu tal- Knisja Kattolika, nri. 767, 768

enerġija tal- Knisja huwa spirtu dinamiku, ir- raqda tal- komunità Nisranija, frott l- indifferenza, tmur kontra dak kollu li dan l- Ispirtu Qaddis jitlob u jisfidana għalih.

Meta Ġesù kien fuq din l- art wiegħed l- Ispirtu Qadds lill- appostli, dan l–istess Spirtu, kull imgħammed irċevieh fil- Magħmudija u ikkonfermah fil- Griżma tal- Isqof. Għalhekk il- bruda tal- indifferenza jew il- pass wisq kajman kawża tal- biża' tan-Nisrani, jmorru direttament kontra dak li jixtieq l- Ispirtu Qaddis minn kull imgħammed.

**Riflessjonijiet:**

**1.** Xi jfisser għalik l- Ispirtu Santu fil- ħajja tiegħek?

2. X'tifhem b'dawn il- frażijiet?

    - komunità nisranija litarġika;
    - indifferenza Nisranija;

3. X'tifhem biha u x'timplika l- frażi: taċċetta l- Ispirtu Qaddis f'ħajtek?

## Ġesù meta kien fuq din l- art, wiegħed lill-Appostli l-Ispirtu s-Santu

L-appostli, minkejja li kienu ordnati saċerdoti u isqfijiet (fl-aħħar ċena), kienu nies fraġli. Wara l- mewt ta' Ġesù, minkejja li emmnu u dehrilhom wara li qam mill- mewt, xorta kienu rġiel maħkuma mill- biża'. Kienu raw b'għajnejhom stess x'ġara lil Ġesù. Kienu beżgħanin għalihom infushom u għall- familji tagħhom. U dan bir- raġun!

L-appostli kellhom konflit kbir ġo fihom: riedu jibqgħu dixxipli ta' Ġesù, dixxipli tat- Tagħlim Tiegħu, riedu wkoll li jkunu appostli ta' dan it-tagħlim, imma kienu beżgħana mir- riskji li jitlob.

Quddiem din ir- realtà nistgħu ngħidu li kienu persuni neqsin mil- libertà interjuri; mill-*inner freedom.* Hija din il- libertà interjuri, frott ta' ħafna talb speċjalment lill- Ispirtu s-Santu li tgħin, u tħeġġeġ lin-Nisrani li jkompli miexi wara Ġesù; li jkun appostlu Tiegħu minkejja l-isfidi li jiltaqa' magħhom. Il-libertà interjuri, titlob proċess mill- bniedem. Liema proċess itul il- ħajja, imma jekk dan il- proċess ma jsirx, il-bniedem, jispiċċa skjav tiegħu nnifsu u tal- oħrajn.

Meta niżel l-Ispirtu Santu fuqhom, l-appostli, bdew il-proċess f'ħajjithom sabiex jakkwistaw din il-ġawhra u għodda hekk importanti tal- libertà interjuri. Il-ktieb tal-Atti tal-Appostli jurina biċ- ċar bil-ħafna sfidi li kellhom jiffaċċjaw l- appostli inkluż San Pawl sabiex akkwistaw din il-libertà interjuri; u meta akkwistawha għelbu l-biża' ta' ġo fihom u ħarġu jxandru dak li jemmnu fih, dak li raw u dak li semgħu. Saħansitra, l-appostli u bosta dixxipli waslu sabiex taw ħajjithom għal Kristu u għall-Evanġelju tiegħu.

Kien għalhekk li Ġesù qabel ma tela' s- sema wegħidhom li ser jibagħtilhom l-Ispirtu Santu – id-difensur; dak id-difensur, li lejh kellhom jirrikoru sabiex l-ewwel u qabel kollox jgħinhom jiddefendu rwieħom mill- ħakma tal- biża' interjuri, u wkoll jiddefendu dak li kienu jemmnu fih.

"Għedtilkom dan meta għadni magħkom. Imma d- Difensur, l-Ispirtu s- Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom. Jiena nħallilkom is- sliem;nagħtikom is- sliem tiegħi; ma nagħtihulkomx kif tagħtih id-dinja. Tħallux qalbkom titħawwad u anqas titbeżża'. **Ġw:14:25**

**Riflessjonijiet**

1. X'tifhem b'libertà interjuri?

2. X'jistgħu jkunu il- konsegwenzi tan- nuqqas tal-libertà interjuri fil-ħajja ta' kuljum?

3. X'taħseb li jista' jwassal lill-bniedem biex ma jkunx liberu interjorament?

## L-Ispirtu s-Santu difensur fil-ħidma tal-Knisja

Ġesù wegħidhom l-Ispirtu s-Santu, id-difensur, l-avukat, is-sors ta' kull kuraġġ, qawwa u enerġija spiritwali. L- Ispirtu s-Santu li huwa wieħed mill-persuni tat-Trinità Mqaddsa, huwa Alla.

Fl-arti Sagra, anke dik kontemporanja, insibu l-Ispirtu s-Santu taħt bosta simboli u titli, fosthom, bħala nar li jfisser enerġija, qawwa, imħabba li ssaħħaħ u fl- istess waqt tippurifika; insibuh ukoll bħala ħamiema, simbolu tal-Ispirtu ta' Alla  li dejjem iħuf fl-univers u fost il-ħolqien tiegħu.

L-Ispirtu Santu, jissejjaħ **difensur** għaliex jgħin lill-Knisja u lill-membri tagħha sabiex l-ewwel nett jiddefendu rwieħom minn nasbiet intelliġenti tax- xitan, u t- tieni għaliex lil kull min jitolbu bil- fidi u bis- sinċerità jgħinu jiddefendi l- Iskrittura Mqaddsa, u d- depożitu tal- fidi – it-Tradizzjoni tal- Knisja u t-Tagħlim tal- Maġisteru.

Il-maturità Nisranija u dik umana, inkluża l-etika Nisranija, titlob li sabiex wieħed jiddefendi dan it-tagħlim ma għandux jaqa' fin-nasba tal-fundamentaliżmu, jew f'dik tal-assolutiżmu, imma li jidħol għal djaolgu miftuħ. Altru li dan jitlob ħafna għajnuna mill- Ispirtu s-Santu u jitlob ukoll ħafna ħiliet umani fuq kull livell. L-Ekumeniżmu: id-djalogi ekumeniċi ma' Nsara oħra, huwa wieħed minn dawn ir-realtajiet li wara l-Konċilju Vatikan II, għandu importanza kbira fil-Knisja. L-Ispirtu huwa wieħed, imma l- kariżmi huma bosta, u għalhekk dan it- tip ta' djalogu huwa meħtieġ ħafna.

Inżidu ma' dan, l- Ispirtu s-Santu nsibuh ukoll taħt it- titlu ta' **avukat:** xi ħadd li jagħti parir. L-Ispirtu s-Santu lil min jitolbu jagħtih il-pariri meħtieġa speċjalment f'mumenti ta' dixxerniment; jiġifieri, jgħinu fil-għażliet u fid-deċiżjonijiet li għandu jieħu sabiex f'ħajtu jkun hemm bilanċ bejn il- fedeltà lejh innifsu, lejn il-ġid komuni u lejn ir-reliġjon tiegħu.

Il-Knisja, b'mod kolleġjali temmen li għandha bżonn lill-Ispirtu s- Santu, bħala avukat, sabiex juriha mhux biss x'għandhom ikunu n-normi u l-prinċipji li fuqhom għandhom jimxu l-Insara fl-

għażliet/deċiżjonijiet tagħhom, imma wkoll ikollha qalb miftuħa għall-pastorali integrata. Il-Knisja fl-aspett tagħha bħala gwida toffri lill-Kattoliċi normi u prinċipji sabiex jiggwidawhom fil-ħajja Nisranija tagħhom, filwaqt fl-aspett pastorali tagħha , dan l-Ispirtu Qaddis jgħinha tistudja ċ-ċirkustanzi partikulari li jsib ruħu fihom in- Nisrani. B'dan il- mod il-Knisja tibqa' dejjem fi proċess ta' aġġornament interjuri li jirrifletti f'pastorali integrata dejjem imġedda.

Flimkien ma' dan il-Knisja hija fid- dmir li tgħin lil kull imgħammed sabiex jasal għall-qdusija tiegħu personali; li timxi miegħu minn fejn jinsab fil-preżent fil-mixja tiegħu fil-fidi, u twieżnu u tisfidah għal aktar maturità fil- fidi u dik reliġjuża.

**Riflessjonijiet:**

1. X'tifhem b'fundamentaliżmu u assolutiżmu?

2. Għaliex dawn jistgħu jagħmlu ħafna ħsara, fis- soċjetà anke fil-Knisja?

## L- Ispirtu Qaddis u l-mandat tal-appostli

Ħadd ma jista' jkun appostlu – mibgħut mill-Mulej biex ixandar lill-Mulej jekk qabel ma jkunx dixxiplu Tiegħu, jiġifieri jekk qabel ma jkunx jaf dwar il- Mulej u jkollu relazzjoni intima miegħu. Hija frott din ir- relazzjoni u frott il- formazzjoni tiegħu dwar il- Bxara t- tajba u t- Tagħlim tal- Knisja li d- dixxiplu jkun jista' jgħallem u jagħti xhieda tassew tal-Mulej; jista' jkun appostlu tassew.

L-ebda appostlu tassew tal-Mulej ma jista' jwasslu lill- oħrajn bil-formazzjoni 'akkademika biss', għaliex ikun bħal ċimblu vojt li jdoqq stunat; wisq inqas ma wieħed jista' jwassal il-Bxara t-Tajba lil ħutu frott tal-esperjenzi emozzjonali u personali tiegħu biss, din mhix maturità, l-emozzjonijiet jinbidlu u kapaċi jikkrollaw malajr. L-appostlu jrid ikun magħġun tajjeb: f'mixja spiritwali intima mal-Mulej u b'formazzjoni dejjem imġedda. L-appostolat jitlob ħafna maturità f'kull dimensjoni tal- bniedem.

L- appostli, permezz tal-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuqhom, bdew jifhmu aħjar it-agħlim u l-missjoni ta' Ġesù Kristu. Bdew jifhmu aħjar il-mandat tagħhom:

> "Il- ħdax- il dixxiplu telqu lejn il- Galilija u marru fuq il- muntanja fejn kien ordnalhom Ġesù. Kif rawh, nxteħtu quddiemu, għalkemm xi wħud iddubitaw. Ġesù resaq ikellimhom u qalilhom: "Lili ngħatat kull setgħa fis- sema u fl- art. Morru, mela, agħmlu dixxipli mill- ġnus kollha, u għammduhom fl- isem tal- Missieru ta' l- Iben u ta' l- Ispirtu s- Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena magħkom dejjem, sa l- aħħar taż- żmien."

**Mt 28, 16- 20**

L-appostli ma setgħux joħorġu qalb il-poplu jekk l-ewwel ma jaċċettawx huma stess lill-Ispirtu s-Santu. Infatti fl-Atti tal- Appostli, insibu li l-appostli kienu lkoll flimkien f'post wieħed jistennew lill-Ispirtu Qaddis. "Meta wasal jum Għid il- Ħamsin, huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed" **Atti:2:1**

Fl- istess ċenaklu, fejn Ġesù waqqaf l- Ewkaristija Mqaddsa, Ġesù kien jaf li wieħed minnhom kellu jbiegħu, ieħor jitraddih u l-bqija jaħarbu- ma jkunux miegħu fl- aktar mumenti tat- tbatija tiegħu. Kien f'dan l-istess post fejn niżel fuqhom ilkoll l-Ispirtu s- Santu, imliehom bih u ħarġu lkoll flimkien, ixandru lill-Mulej! Mill-istess post fejn Ġesù kien jaf bl-iżbalji u bil-limitazzjonijiet tagħhom, issa ħarġu imġeddin spiritwalment, mill-Ispirtu s-Santu, mimlija qawwa, enerġija, entużjażmu u b'konvinzjoni ferma li jridu jxandru lill-Mulej Ġesù.

> "F'daqqa waħda ġie mis- sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d- dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan- nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. Imtlew ilkoll bl- Ispirtu s- Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skond ma l- Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu." **Atti:2:4**

It-Tradizzjoni orali tal-Knisja, iżżomm li Ommna Marija kienet mal-appostli fiċ- ċenaklu. Marija Santissima kienet diġà mimlija bl-Ispirtu s-Santu, hija omm Ġesù, omm il-Knisja, hija dik li dejjem tagħti sapport lill-Knisja, hija dik li permezz tagħha n- Nisrani jersaq aktar lejn Ġesù. Il-preżenza ta' Marija fiċ- ċenaklu turi l-importanza u l-ħtieġa tagħha fil-Knisja.

L-appostli kienu lkoll flimkien jitolbu lill-Mulej sabiex jibagħtilhom l-Ispirtu Qaddis. Is- saħħa tal- Knisja qiegħda fit- talb; mhux biss dak personali, imma wisq aktar dak komunitarju. It- talb ta' flimkien, isaħħaħ lil xulxin. L- appostli kienu jissaħħu bejniethom mhux għax kienu ilkoll ta' fehma waħda, altru li dan mhux il- każ, bħalma naraw tajjeb ħafna mill- Atti tal- Appostli, imma għaliex kellhom twemmin wieħed – Ġesù Kristu; u għaliex kienu jitolbu flimien speċjalment waqt il -qsim tal- Ewkaristija . "Il- kotra kbira ta' dawk li emmnu kienu qalb waħda u ruħ waħda." **Atti:4:32**

**Riflessjonijiet:**

1. X'valur għandu f'ħajtek it- talb personali u dak komunitarju?

2. Għaliex tħossha bi tqila li tersaq lejn ċerti Sagramenti

## L- Ispirtu s-Santu – Spirtu ta' għaqda

L-appostli, minkejja d-differenzi umani li kienu jeżistu bejniethom, minkejja l-ħiliet differenti tagħhom, kellhom għan wieħed: li jxandru l-Bxara t-Tajba ta' Ġesù Kristu. Minn wara l-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuqhom, kif naraw tajjeb fil-ktieb tal-Atti tal- Appostli, l- istess appostli bdew jifhmu sewwa x'jinvolvi għalihom personalment u għall-komunità dan il-mandat appostoliku.

Flimkien ma' dan, l-appostli fehmu wkoll li huma mhumiex il-protagonisti f'din il- ħidma, imma biss qaddejja tal-Mulej, xandara tal-messaġġ Tiegħu. U għaliex kienu biss qaddejja tal-Mulej, kellhom jaħdmu ħafna fuqhom infushom sabiex jinsew id-differenzi fil-karattri ta' xulxin għal ġid tal-istess messaġġ u għal ġid tal- komunità Nisranija li kienet għadha qiegħda titwieled. Il-fidi fil- Mulej u f'xulxin, l- imħabba li kellhom għall- Mulej u għat- tixrid tal- Kelma tiegħu kienet wisq akbar mil-limitazzjonijiet umani li kellhom.

Hawnhekk ukoll naraw ir-rwol importanti tal-Ispirtu Qaddis, illi kieku ma aċċettawhx f'ħajjithom, l-appostli kienu jibqgħu wisq marbutin mal-ideat xi ftit negattivi fuq xulxin, imma bil- għajnuna tal-Ispirtu s-Santu, iffaċċjaw dawn il-limitazzjonijiet, għelbuhom u komplew jimxu 'l quddiem. L-Ispirtu s-Santu huwa Spirtu ta' għaqda, imma l- ebda għaqda ma tista' sseħħ jekk ma jkunx hemm libertà interjuri, jekk wieħed ma jwarrabx il-bosta preġudizzji u fantasiji fuq xulxin !

Minbarra dan, l-appostli ma setgħux jagħtu xhieda ta' Ġesù Kristu u tat-Tagħlim tiegħu qabel ma taw xhieda ta' dan kollu lil xulxin u bejn xulxin. Tkun ironija, li wieħed jipprova jagħti xhieda ta' Ġesù Kristu minn dak li jidher biss fuq barra, imbagħad fil-qalba tal-komunità Nisranija u bejn il- membri tal-komunità dan ma jseħħx. Ix-xhieda li tidher biss minn barra, mhix konvinċenti, u f'qasir żmien tikkrolla. Imma meta xhieda esterjuri tkun frott ix- xhieda u l- għaqda interjuri ta' bejn il- membri, in- nies jiddakru għal wara Ġesù Kristu.

Waħda mill- karatteristiċi ta' dan kollu hija l-karità ta' bejnietna u l-ferħ. Il-ferħ tan- nisrani huwa frott il- preżenza dinamika tal- Ispirtu

s- Santu f'ħajjet il- bniedem, frott il- libertà interjuri, frott x- xhieda awtentika u koerenti ta' bejn l- Insara. Huwa wkoll frott il- għaqda u l-karità ta' bejnietna ħierġa mill- frekwenza lejn it- Tqarbin – li jqaribna lejn Alla u lejn xulxin.

'Ħabirku biex iżżommu spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem;…'

**Efes:4:3**

**Riflessjonijiet**

1. X'tifhem meta ngħidu nagħtu xhieda lil xulxin u bejn xulxin ta' dak li nemmnu fih?

2. Fi ħdan il- Knisja x'tifhem bil- kelma: għaqda?

Il-**ħidmiet prinċipali li wettaq l- Ispirtu s- Santu nhar Pentekoste**

Nhar Pentekoste, l- Ispirtu s- Santu kompla **integra**, **affirma** u **ikkonferma**:

- il-preżenza reali tat-Trinita' Mqaddsa li minnha ħarġet il- Knisja;

- it-Tagħlim u l-messaġġ ta' Ġesù Kristu;

- is-sejħa u l-missjoni tal- appostli – il- ħtieġa tal- Knisja bħala komunità mogħtija mandat, missjoni li xxerred u tiddefendi t- Tagħlim ta' Ġesù Kristu;

- li l- Knisja hija missjunarja. Nhar Pentekoste sar l-ewwel *outreach* Nisrani, fejn skont l- Atti tal-Appostli, nies minn diversi kulturi, wara li semgħu lill- appostli emmnu f'Ġesù. Kristu u aċċettawh bħala l- uniku Salvatur tagħhom.

## L- Ispirtu s-Santu aġent tas-sensittività ekkleżjali

Kien f'nhar Pentekoste li n-nies minkejja li kienu ta' lingwi u kulturi differenti lkoll fehmu bil-lingwa rispettiva tagħhom dak li l-appostli kienu qed jgħallmuhom bl-Aramajk. B'dan il-miraklu, l-Ispirtu s-Santu, ried juri lill-Knisja ta' dak iż- żmien u tal-lum, li t-Tagħlim ta' Ġesù Kristu mhux xi patrimonju tal- ftit, imma huwa għal kulħadd. B'din il-ġrajja l-Ispirtu Qaddis ried jurina li l- missjoni tal- Knisja bħala evanġelizzatriċi hija *inter gentes* – fi ħdanha stess, daqskemm hija *ad ġentes* – għal kull bniedem ta' rieda tajba ta' kull razza u kultura. Il- Knsija hija missjunarja. B'din ir- realtà l- Ispirtu Qaddis ried jurina, li wieħed mill- għodod l-aktar importanti fi ħdan il- Knisja bħala evanġelizzatriċi hija s- sensittività lejn il-poplu, u lejn iċ-ċirkustanzi tiegħu fil-ħajja. Mhux biss dan, din il- ġrajja hekk importanti għal dak iż- żmien u għal żmienna wkoll, turina ċar kemm l- Ispirtu s- Santu jitlob li l-Knisja tkun fil- qalba tal- kultura tal-poplu bħal ħmira fil-għaġna tal- ħobż.

Li n- nies semgħu lill-appostli jitkellmu bil-lingwa tagħhom u wara li aċċettaw lil Ġesú Kristu talbu lill- appostli sabiex jgħammduhom, juri biċ- ċar li l- kliem tal- appostli kien diskors mimli tagħlim u għani fil- pastorali fl-istess ħin. L-Ispirtu Qaddis għenhom sabiex jitkellmu b'lingwaġġ li jolqot id- dimensjonijiet varji tal-eżistenza tagħhom. Din hija sfida qawwija għall- appostlu ta' Kristu fi żmienna. Il- bżonn tat- tiġdid ta' attitudnijiet u ta' metodi fix-xandir tal- Kelma ta' Alla, u fil-pastorali, juri sensittività u rispett lejn il- bniedem fid- diversi ċirkustanzi li jsib ruħu fihom fis- soċjetà tal-lum.

F'nhar Pentekoste, l- Ispirtu s-Santu ried juri lill-ewwel komunità Nisranija l-importanza u l- ħtieġa li fil-Knisja jkun hemm ftuħ u integrazzjoni għal kulħadd, mingħajr ma jkun hemm kompromessi u sfruttar tat-Tagħlim ta' Ġesù Kristu. Is-sensittività fil-pastorali ġġib l-integrazzjoni; in- nuqqas tagħha jwassal għall-esklużjoni.

Il-poplu nhar Pentekoste sema' lill- appostli jitkellmu bil- lingwa tiegħu, lingwaġġ li setgħa jinftiehem, għaliex kien imwieżen minn konvinzjoni, mimli mħabba u msaħħaħ bix- xhieda ta' bejn xulxin. Il-koerenza fil- ħajja tal- appostlu tal- lum, turi ruħha fil- konvinzjoni u fix- xhieda li wieħed jagħti.

**Riflessjonijiet:**

1. Quddiem l- isfidi li toffri s- soċjetà llum, taħseb li hemm post għat- Tagħlim ta' Ġesù Kristu?

2. Temmen li bħala komunità nisranija hemm bżonn li nkunu sensittivi għal xulxin ? Kif jista' jseħħ dan ?

## L-importanza tal- Ispirtu s-Santu għall-adolexxent u żagħżugħ

F'Pentekoste niftakru b'mod speċjali f'dawk kollha li għamlu jew ser jagħmlu l-Griżma tal- Isqof. Is-Sagramenti li huma element essenzjali ta' kull Kattoliku, huma wieħed mill- għejjun tal- grazzja ta' Alla għall-individwu, u ħolqa spiritwali li permezz tagħhom l- Kattoliku jħossu parti ħajja mill-komunità nisranija.

Is-Sagramenti rridu naslu għalihom bi preparazzjoni xierqa u serja. Xħin nirċevuhom jgħinuna nġeddu l-ħajja tagħna bħala Nsara b'mod sħiħ. Għalhekk huwa kunċett xi ftit żbaljat meta wieħed iqis l-ġrajja tal- Griżma tal- Isqof f'ħajtu bħala tappa soċjoreliġjuża, jew bħala sempliċi biljett li mingħajru ma jistax jiżżewweġ bil- Knisja. Dan huwa kunċett fqir wisq. Il-Griżma tal-Isqof hija bil-wisq aktar minn hekk.

L-Griżma tal-Isqof imsejħa wkoll is-Sagrament tal-Konfermazzjoni, huwa s-Sagrament fejn minn meta jittieħed sal-kumplament tal-ħajja, in-Nisrani bl-akbar libertà jkompli jikkonferma f'ħajtu u b'imġibtu l-Magħmudija li jkun irċieva permezz tat-talba tal-ġenituri tiegħu. L-impenn, u l- isfida tan- Nisrani mill- Griżma tal-Isqof lill hinn huwa, li jgħix dak li jemmen, mhux dak li jgħidlu moħħu jew l-istint tiegħu, imma dak li jgħallmu Ġesù Kristu permezz tal-Knisja tiegħu.

## It- tgergira kontemporanja: għammduni bla ma staqsewni.

Tkun ironija li adoloxxent/ żagħżugħ jgħid li għammduh bla ma staqsewh. Jekk huwa dan l-arugment, allura dan qabel ma twieled ġie mistoqsi mill- ġenituri tiegħu f'liema pajjiż irid jitwieled, jew b'liema kulur ta' xagħar u ta' għajnejn irid jitwieled, jew għand liema ġenituri irid jitwieled? Xi ħadd staqsieh b'liema lingwa jixtieq jibda jitkellem hekk kif jiftaħ fommu? Xi ħadd staqsieh f'liema raħal jixtieq jitwieled? Xi ħadd staqsieh sabiex jagħżel it-talenti tiegħu dawk li jixtieq jitwieled bihom u jiżviluppa matul ħajtu? Xi ħadd staqsieh jekk iridx jiekol, jilbes u dwar il- bżonnijiet oħra naturali?

Ir-realtà hi, li bħalma l- ġenituri f'imħabbithom, b'mod bijoloġiku flimkien ma' Alla, taw ħajja lit-tarbija tagħhom, tawh ċittadinanza, ħasbu wkoll sabiex f'imħabbithom jagħtuh reliġjon għaliex emmnu li mingħajr affiljazzjoni reliġjuża, il-bniedem mingħajr Alla ikun vojt, kif fil- fatt ikun fir- realtà!

Issa, jekk l-individwu meta jikber jidhirlu, dejjem għal raġunijiet serji u mhux dawk kosmetiċi u mmaturi li ma jridx jibqa' jħaddan ir-reliġjon Kattolika, allura bħala bniedem liberu jagħmel l-għażliet tiegħu. Imma, ġaladarba, jrid jibqa' Kattoliku, huwa ta' impenn għalih li jfittex li jimmatura f'din il- fidi, f'din ir- reliġjon. L- importanti hu li jħalli lil qalbu miftuħa għal Alla, u jqis lir-reliġjon bħala parti integrali ta' ħajtu, għaliex din ukoll tagħtih identità.

L- imġiba tal- bniedem hija frott twemminu, u jekk fi twemminu jkun biered, indifferenti jew xi fundamentalist, hekk tkun imġibtu miegħu innifsu u wisq aktar mal- oħrajn. Fil-ħajja hemm ħafna mistoqsijiet li għalihom m'hemmx tweġiba, li huwa żgur huwa li kemm il- Kelma ta' Alla kif ukoll il-Knisja trid l-aħjar ġid għall-bniedem.

L- akbar tfitxxija tal-adolexxent u żagħużgħ mhix biss biex jiskopri min hu tassew, l-identità tiegħu personali fil- kultura/i li fihom jgħix, imma wkoll li jirnexxilu bil- mod, il- mod, jiskopri kif ser jintegra lil Alla f'ħajtu.

Alla jinsab fil- ħajja ta' kull persuna mgħammda, imma mhux kull min hu mgħammed dejjem jirnexxilu jintegra lil Alla f'ħajtu. Bosta huma dawk li għandhom spazju għal kollox minbarra għal Alla. Bosta huma dawk li jġibu kull skuża immaġinabbli sabiex jevitaw li jersqu lejn is-Sagramenti, speċjalment lejn il-qrar u lejn l- Ewkaristija – lejn il-quddies. Bosta huma dawk li jaħsbu li t- Tagħlim tal- Knisja huwa antikwat. Fil- verità huwa tagħlim li dejjem qiegħed fi proċess ta' tiġdid. Importanti li n- Nisrani, qatt ma jinsa, jiċħad, iwarrab jew jitbiegħed mill- punt tat- tluq, is- sors ewlieni tal- pjan tas-Salvazzjoni – Sidna Ġesù Kristu u t-Tagħlim tiegħu. Li huwa żgur hu li dan it-tagħlim qiegħed għal min hu kuraġġuż, għal min hu qalbu miftuħa

għal Ġesù Kristu. Dan kollu jitlob ħafna enerġija, integrità u kuraġġ. Ir-reliġjon Kattolika hija r- reliġjon tal- umli, imma mhux tad-dgħajjef!

Biex Nisrani jrawwem fih karattru sod u tajjeb jeħtieġlu li jitħarreġ fil-virtujiet. Ninsabu fl-epoka tal-virtujiet. Illum, minkejja li l-bniedem qed jirrealizza li huwa mdawwar sew b'ħajja materjalistà u konsumistà, l-esperjenza u l- maturità umana qed juruh li hemm affarijiet aktar bżonnjużi u aktar permanenti li jagħtuh ferħ u paċi ġenwin. Il- mixja u l- kisba tal- virtù hija l- għerq tal- maturità umana u dik Nisranija.

**Riflessjonijiet**

1. Tiddejjaq tgħid li inti Kattoliku ? Għaliex?

**2.** X'tifhem biha**:** Ir- reliġjon Kattolika hija r- reliġjon tal- umli, imma mhux tad- dgħajjef!

**L- Ispirtu s- Santu u l- Virtujiet Kardinali u dawk Teologali**

L-ewwel nett il- kelma kardinali, li ġejja mill-Latin, tfisser ċappetta ta' bieb: *hinge*. Hekk kif il-bieb ma jistax jiffunzjona tajjeb mingħajr ċappetti- *hinges*, lanqas il- bniedem ma jista' jgħix ta' bniedem sħiħ mingħajr dawn il-virtujiet.

X'inhi virtù? Hija ħaġa tajba fik, jew li tixtieqha fik u bil-għajnuna ta' Alla taħdem għaliha. Il- virtujiet ma jinbtux fil- ħajja; irridu ninvestu fihom u naħdmu għalihom. Per eżempju, jekk wieħed jinduna li huwa nieqes mill- onestà, li hija virtù essenzjali ħafna biex jgħix miegħu nnifsu u mal-oħrajn, allura, bil- għajnuna ta' Alla għandu jaħdem sewwa fuqu nnifsu sabiex irawwem fih din il- virtù. Mhix ħaġa faċli, imma għalhekk hija virtù, għaliex sabiex irawwimha jrid imur kontra l- kurrent, kontra x- xewqat u t- tentazzjonijiet li jiġuh. Imma, ġaladarba jrawwimha fih, iħossu bniedem sħiħ. Lest li jiffaċċja lilu nnifsu, bniedem li jista' jaħdem mal- oħrajn b'wiċċu minn quddiem. Meta nitkellmu minn virtujiet, ħafna drabi nkunu qed nirreferu għal dawk kardinali u dawk teologali.

**Il- Virtujiet Kardinali**

Il-Virtujiet Kardinali, insejħulhom wkoll il- virtujiet antropoloġiċi, jew il-virtujiet morali għaliex huma l-bażi li fuqhom iddur l-eżistenza raġjonevoli tal- bniedem.

Dawn huma:

- **il- kuraġġ/ il- qawwa**
- **il- ġustizzja,**
- **il- prudenza,**
- **it- temperanza**.

**- Il- kuraġġ/ il- qawwa**

**Il- kuraġġ** ma jfissirx li ma tibża' minn xejn, (wisq probabbli din hija preżunzjoni), imma li ma tħallix il- biża' tikkondizzjonalek ħajtek u l- għażliet li tagħmel. Il- kuraġġ ma jfissirx li tiġġieled ma' kulħadd għax taħseb li tiegħek biss huwa tajjeb, imma jfisser li tagħraf li l- verità ma hija monopolju ta' ħadd u li din tista' tiġi espressa anke reliġjożament f'lingwaġġi u metodi differenti. Dan jitlob ħafna maturità' f'kull dimensjoni.

Inżidu ma' dan, aspett ieħor ta' din il- virtù hija l- qawwa, jiġifieri li wieħed ikun b'saħħtu biżżejjed li jkun kuraġġuż u jagħmel l- għażliet u d- deċiżjonijiet tiegħu b'maturità u b'dixxerniment. Il- bniedem mimli bil- qawwa tal- Ispirtu s- Santu jkun sod fi kliemu, u fi twemminu, mhux pinnur idur mar- riħ li jipprova jogħġob lil kulħadd.

- **Il- ġustizzja**

**Il- ġustizzja** mhijiex biss li tagħti lil kulħadd dak li ħaqqu. Dwar dan il-liġi ċivili hija ċara ħafna. Imma għan-Nisrani, speċjalment għall- adolexxent/żagħżugħ li qed irawwem fih il- karattru u l- attitudnijiet ta' Nisrani, il- ġustizzja tfisser ukoll li:

- tagħraf tuża t- talenti tiegħek għal ġid tiegħek stess u tal- oħrajn. Tkun inġustizzja kbira jekk persuna, sabiex ta' madwarha ma jgħiduliex li hija *show off* taħbi t- talenti tagħha. B'din l- imġiba tkun inġusta magħha nnifisha u wisq aktar ma' ħutha l-bnedmin. Alla ma żejjiniex bit- talenti għalina nfusna biss, imma huma l- lingwaġġ li bih, HU - Alla jridna nwasslu Lilu lill- oħrajn. Per eżempju, il- mużika, l-arti, iż-żfin, id- drama, l-isport, il-kitba, meta dawn jintużaw kif inhu xieraq, huma l-lingwaġġ tas- sbuħija ta' Alla lejn il- bniedem.

- li tirrispetta d- dinjità ta' kull persuna aktar u aktar meta l- persuna ma tkunx preżenti u ma tkunx tista' tiddefendi lilha nnifisha, hija ġustizzja wkoll. Kull adolexxent/żagħżugħ, kull bniedem jaf, kemm

hija ta' tbatija, meta wieħed jiġi kkritikat minn wara dahru! Kull bniedem jaf kemm hija ta' tbatija, meta n- nies jaraw fil- persuna l-limitazzjonijiet tagħha biss u jieqfu hemm u qatt ma japprezzaw kif inhu xieraq it- talenti u l- ħiliet tagħha. Kull bniedem jaf kemm iġibu soffrenza l-preġudizzji u/jew meta wieħed jitkellem fuq id- difetti tal-oħrajn u jxerridhom. Dawn u aktar huma sinjali ċari ta' inġustizzja.

Il- bażi tal- ġustizzja hija l-imħabba. Bniedem li mhux ġust miegħu nnifsu, li ma japprezzax lilu innifsu, wisq anqas ser japprezza lill- oħrajn. Inżidu ma' dan, l-aspett soċjali tal-ġustizzja joffri sfida qawwija lin- Nisrani kontemporanju.

Flimkien ma' dan kollu, il- ġustizzja Nisranija titlob li wieħed jagħti lil Alla dak li huwa ta' Alla. Ħadd u xejn ma jista' jieħu post Alla, il- ħallieq tal-umanità u tal- univers. Il- bniedem hu bniedem u qatt ma jista' jsir alla, la għalih innifsu u wisq inqas għall-oħrajn.

**- Il- prudenza/ għaqal**

**Il-prudenza/għaqal** hija virtù li ħafna drabi nagħtuha tifsira xi ftit żbaljata u dan għall- konvenjenza tagħna. Wieħed mill- karatteristiċi tal- prudenza/għaqal hija li wieħed jagħraf meta għandu jitkellem, x'għandu jgħid u lil min. Dan jitlob kuraġġ u ġustizzja. Il- bniedem dgħajjef jibża' mill-virtù tal-prudenza. Li wieħed jagħlaq ħalqu meta jista' jitkellem, speċjalment meta dak li ser jgħid huwa ta' ġid, kun qed iwettaq l-iżball tal- ommissjoni. B'imġiba hekk altru li ma jkunx qed ipprattika l-virtù tal-prudenza, wisq probabbli jkun qed jaħseb fih innifsu biss. Il- virtù tal- prudenza titlob li l- bniedem ikun daqshekk umli li jagħraf li għandu jikkontribwxi għal ġid tas- soċjetà. Dan jitlob ħafna imħabba u riskju, għaliex faċilment jista' wieħed ma jinftiehemx. Wara kollox Ġesù Kristu l- akbar kontributur tal- umanità ma ġiex mifhum; imma ma waqafx milli jagħmel il- ġid! Il- prudenza/ il- għaqal hija virtù li tisfida ħafna lin- Nisrani.

Il- bniedem għaqli ħafna drabi huwa prudenti. Il- għaqli jaf li dak kollu li għandu f'ħajtu huwa rigal mingħand Alla. L- għaqli jaf li l-għażż, l-egoiżmu u l- bosta vizzji oħra huma l- għerq ta' kull ħażen.

**- It-Temperanza**.

**It-Temeperanza.** Mingħajr ma nnaqqas, il- valur tal- virtujiet preċedenti, din il- virtù nqisha l- għerq, il- pedament mhux biss tal-virtujiet l- oħra imma wkoll tal- maturità tal- bniedem. Fejn ma jkunx hemm temperanza, il- maturità umana ftit li xejn teżisti.

B'temperanza qed nifhmu *self- control.* F'dinja li tigglorifika *l- instant gratification*, kollox issa u malajr kemm jista' jkun, it-temperanza tisfidana għad- *delay gratification*. Bosta jaħsbu li *d- delay gratification, s- self- control,* twassal lis- soċjetà biex taqa' *slow*. Dan mhux il-każ. *Is-self-control*, hija l-pedament tal- riflessjoni. Il- bniedem li ma jirriflettix jiżbalja.

Il-bniedem għandu bżonn li jirriskja f'ħafna affarijiet biex jimxi 'l quddiem, imma li jieħu riskji mhux ikkalkolati huwa ġenn. Din il-kalkolazzjoni hija frott ir- riflessjoni, frott *is-self-control*. Hemm differenza bejn dixxiplina u *self- control*. Id- dixxiplina hija xi ħaġa imposta fuq il- bniedem minn barra. Is- *self- control*, it- temperanza, tiġi mill- ġewwieni tal- bniedem u għalhekk hija virtù. Hija sfida li twassal għall- maturità umana u Nisranija. Inġibu eżempju sempliċi, jekk adolexxent/żagħżugħ li jkun irid jixtri xi ħaġa ta' valur għoli (li fil-verità jista' jgħaddi mingħajrha), ikun għalxejn għall- ġenitur li jiġġieled miegħu u jgħidlu li mhux ser jagħtih flus għaliha, għaliex jasal f'punt li minn xi mkien iġibhom. Imma jekk jipprova jfehmu li dik il-ħaġa mhix daqshekk neċessarja għalissa, li l- flus jista' jinvestihom f'affarijiet aħjar, jista' jasal biex jibda jrawwem fl-adolexxent/żagħżugħ ftit *self- control*. Dan hu eżempju sempliċi ħafna, *is- self control*, it- temperanza, tidħol f'kollox, kemm fl- aptiti frott tal- istint, sal- aptiti li wieħed ikollu sabiex jikkontrolla kollox u lil kulħadd.

Sfortunatament, hawn Insara li anke lil Alla jippruvaw jikkontrollaw, għaliex minflok ma jitolbuh xi ħaġa bl- akbar umiltà u fiduċja; jgħidu lil Alla x'għandu jagħmel, u meta ma jaqilgħux dak li jitolbu; għaliex sintendi Alla jaf aktar mill- bniedem il- bżonnijiet veri tiegħu; dawn il- persuni faċilment jeħduha kontra Alla u kontra l- Knisja tiegħu.

Il-bniedem umili kapaċi jikkontrolla lilu innifsu.Il- virtù tat- temperanza tgħin lill- bniedem jikber fil- fiduċja fih innifsu (*self- confidence)* u fil-fiduċja lejn Alla.

**Il- Virtujiet Teologali**

Il-virtujiet teologali: fidi, tama u imħabba huma s- sors, l- enerġija li permezz tagħhom insaħħu u nipperfezzjonaw ir-relazzjoni tagħna ma' Alla u mal- proxxmu.

Mingħajr l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu ma nistgħux naslu biex inrawwmu fina dawn il- virtujiet. Meta naċċettaw lill- Ispirtu Qaddis f'ħajjitna, nibdew naraw kemm il- ħajja tagħna tinbidel. Dan ma jfissirx li ma nibqgħux umani, li ma niżbaljaw qatt, imma li meta jiġri dan ma naqtgħux qalbna, nerġgħu nqumu u nkompli mexjin.

**Riflessjonjiet**

1. X'taħseb li huwa l- valur tal- virtù f'din l- epoka post- moderna?

2. X'taħseb dwar il- virtujiet kardinali ?

**Talba lill-Ispirtu s-Santu**

Talba sempliċi li għandna nitolbu ta' spiss lil dan l- Ispirtu Qaddis, hija:

**Ejja Spirtu Qaddis, imlieni Bik, dawwalni bil-għerf tiegħek, imlieni bil-kuraġġ u bl-imħabba sabiex inkompli miexi wara Ġesù Kristu. Ammen.**

Noti:

**Għal aktar riflessjonijiet ara:**

**Atti tal- Appostli:**
- Il- wegħda tal- Ispirtu Santu: Kap. 1: 1- 5
- Il- Miġja tal- Ispirtu Santu: Kapitu 2 kollu

**Katekiżmu tal- Knsija Kattolika- Kompendju**
- Nemmen fl- Ispirtu Santu: 136- 146
- Magħmudija u Griżma tal- Isqof: 252- 270
- Virtujiet kardinali: 377- 383
- Virtujiet teologali: 384- 388

**Media**
Għal riflessjoni ħajja u kontemporanja fuq il-virtujiet ara l-film: ***The Last Song.*** Inħalli f'idejk sabiex toħroġ l-aħjar riflessjonijiet minnu.

**Songs:**

http://www.youtube.com/watch?v=d- SI_HRWooA

http://www.youtube.com/watch?v=NWeEYKqAdQ8

http://www.youtube.com/watch?v=Us1I0fw7hKo

http://www.youtube.com/watch?v=GK- O5nfL1Mo

http://www.youtube.com/watch?v=WPyqkFWqwTE